MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 1003/2004

**Busy Bee Limited**

**Vs**

**Naxxar Lions Footbal Club**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Mejju 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex is-socjeta` konvenuta thallas l-ammont ta' Lm1,328 (elf tlett mija, tmienja u ghoxrin lira Maltin) bhala bilanc ta' somma akbar rapprezentanti ta' prezz ta' prodotti ta' ikel u xorb.

Fl-avviz tat-talba intqal:-
Il-hlas tas-somma ta' elf tlett mija tmienja u ghoxrin lira Maltin (Lm1,328), bilanc ta' somma akbar, dovuti mill-konvenut u rapprezentanti prezz ta' prodotti tal-ikel u xorb li gew mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut fuq inkarigu specifiku tieghu u li sa llum ma thallsux, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 13 ta' Gunju 2002 u bl-imghax mid-19 ta' Jannar 2002 sad-data tal-pagament effettiv,

kollox kontra l-konvenut li hu min issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra l-ammissjoni.

Jiddeciedi billi jilqa` it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------